MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 86/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Caruana talli fit-23 ta' Marzu 2008 u matul it-tliet snin precedenti bhala sid ta' diversi kmamar li jinsabu fil-post maghruf bhala Ta' Randa limit ital-Mellieha:

(1) Uza l-istess kmamar bhala fabbrika tax-xoghol tan-nar;

(2) Hadem xoghol tan-nar;

(3) Hazen u zamm fil-pussess tieghu kwantita` ta’ materjal splussiv;

(4) Garr ghal gewwa l-istess kmamar materjal splussiv minghajr licenzji tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-24 ta’ Marzu 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Anthony Caruana u wara li rat l-artikoli 3, 27, 29 u 30 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu multa ta’ erba’ mija hamsa u sittin euro (€465);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-8 ta’ April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, jew alternattivament tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu hati fl-ewwel tliet imputazzjonijiet u tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddikjarat li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet kienu mezz ghall-fini ghall-ewwel imputazzjoni, kif ukoll f’dik il-parti fejn erogat piena ta’ erba’ mija hamsa u sittin euro (€465), u minflok issib htija wkoll fuq ir-raba’ imputazzjoni u taghti piena skon dil-ligi li tkun idoneja u adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel zewg aggravji ta’ l-appellant Avukat Generali.

Skond l-ewwel aggravju l-appellant isostni li l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha dwar ir-raba’ imputazzjoni dedotta kontra l-appellat. Din il-Qorti pero` ma taqbilx ma’ dan l-aggravju peress illi proprju fil-paragrafu konklussiv tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed

“issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu”. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Permezz tat-tieni aggravju, l-Avukat Generali josserva li l-ewwel Qorti ccitat l-artikoli 3, 27, 29 u 30 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta u ma semmietx l-artikoli 9 u 16 ta’ l-istess Kap. 33. Ghalhekk, isostni l-appellant, jezisti nuqqas ta’ formalita` sostanzjali li jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Il-mod kif giet redatta l-akkuza kontra l-appellat *lascia a desiderare* u din il-Qorti tittama li ma jkolhhiex ghalfejn terga’ tirrimarka hekk fil-futur peress illi l-akkuzi ghandhom jigu redatti b’aktar precizjoni u bl-uzu testwali tal-kliem tal-ligi.

L-Avukat Generali jindika li effettivament l-appellat gie akkuzat taht l-artikoli 3(1), 3(2), 9 u 16 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ewwel Qorti ccitat l-artikoli 3, 27, 29 u 30 tal-Kap. 33. L-artikoli 27, 29 u 30 mhumiex l-artikoli li jikkontemplaw ir-reati li bihom gie addebitat l-appellat izda l-artikoli li jikkontemplaw il-pieni. Ghalhekk, stante n-nuqqas li jigu citati uhud mill-artikoli li jikkontemplaw ir-reati addebitati lill-appellat u li l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib htija dwarhom, is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali. Skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali fis-sens ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F’kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

---

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta’ April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta’ Gunju 2002 u 10 ta’ Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta’ Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta’ Settembru 2003;

Konsegwentement, din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla u, stante li l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-aggravju principali taghha dwar il-piena jirrikjedi s-smigh ta' xhieda, huwa opportun li sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellat, mill-beneficcju tad-doppju ezami, tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi l-kawza mill-gdid skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi, filwaqt illi tichad l-ewwel aggravju, tilqa' t-tieni aggravju, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett, tirrevoka l-istess sentenza u tqieghed lill-appellat fil-pozizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet pronunzjata l-istess sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

---

**Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006.